# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Gimgha 13 ta' Mejju, 2022

**Kawża Nru. 11**

**Rik. Nru. 97/2021 ISB**

**66North Holding LUX S.Á.R.L. soċjetà estera reġistrata ġewwa Lussemburgu kif debitament rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Antoine Cremona (KI 11980G) ta' 171, Old Bakery Street, Valletta, VLT1455**

**vs**

**Molden Enterprises Limited (C 59862)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' 66North Holding LUX S.Á.R.L. soċjetà estera reġistrata ġewwa Lussemburgu kif debitament rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Antoine Cremona (KI 11980G) pprezentat fis-17 ta' Novembru 2021, li permezz tieghu huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

*i. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata ma tistax tħallas id-djun tagħha skont l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att;*

*ii. Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att u l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza (tfassil mill-ġdid); u*

*iii. Taghti kull provvediment opportun sabiex jinħatar stralċjarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali skont id-disposizzjonijiet tal-Att.*

*Bl-ispejjeż.*

U dan wara illi ppremetta:

*1. Illi dan ir-rikors qiegħed jiġi ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 218(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**") bħala kreditriċi tas-soċjeta' intimata, biex titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tordna ix-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' Maltija debitriċi Molden Enterprises Limited (C 59862) ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii);*

*2. Illi skont sentenza tal-Qorti Suprema tal-Islanda datata 8 ta' Ġunju 2020 is-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta':*

> *… ISK 171,976,408 plus default interest pursuant to the first paragraph of Article 6 of Act No. 38/2001 on Interest and Indexation on the amount of ISK 105,985,575 from 1 January 2015 to 19 October 2017, and on the amount claimed in the summons from that date to the date of payment.*

*F'din l-imsemmija sentenza ġie deċiż li s-soċjeta' rikorrenti 66North Holding Lux S.A.R.L. hija intitolata għall-ħlas tal-ispejjeż ġudizzjarji ta' kull istanza ta' dawk il-proċeduri li saru fl-Iżlanda, li jinkludu:*

> *a) ISK 2,500,000 li jirrappreżentaw l-ispejjeż tal-ewwel istanza li saret quddiem il-Qorti tad-Distrett ta' Reykjavik u l-ispejjeż tat-tieni istanza li saret quddiem il-Qorti ta' l-Appell ta' Reykjavik; u*
> *b) ISK 1,000,000 li jirrappreżentaw l-ispejjeż tal-istanza finali li saret quddiem il-Qorti Suprema;*

*3. Illi waqt li s-sentenza li tirrigwarda dawn il-proċeduri fl-Iżlanda kienet għadha pendenti, is-soċjeta' rikorrenti ippruvat tikkawtela t-talba tagħha billi tippreżenta mandati kawtelatorji f'Malta in kawtela ta' dawk il-proċeduri barranin, billi ippreżentat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 112/2019 fid-29 ta' Jannar 2019 għall-ammont ta' €1,265,402.41, imma ma ġew depożitati ebda ammonti fil-Qorti;*

*4. Illi wara li l-proċeduri li saru fl-Iżlanda inqatgħu favur is-soċjetà rikorrenti, is-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Iżlanda ġiet rikonnoxuta formalment f'Malta permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020 tal-*

*Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri bin-numru tar-referenza 686/2020 fl-ismijiet premessi, skont il-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali;*

*5. Illi sussegwentement il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 112/2019 ġie kkonvertit f'mandat ta' sekwestru eżekuttiv;*

*6. Illi għalkemm għaddew iktar minn* ***erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa*** *mill-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv kontra s-soċjeta' intimata, id-dejn baqa' ma tħallasx, u għalhekk jissussistu r-rekwiżiti kollha biex is-soċjeta' intimata titqies li ma tistax tħallas id-djun ai termini tal-artikolu 214(5)(a) tal-Att, u s-soċjeta' intimata għalhekk għandha tiġi xolta u stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att;*

*7. Illi ma jidhirx li s-soċjeta' intimata għandha assi oħrajn f'Malta li permezz tagħhom tista tħallas id-djun dovuti lill-kredituri tagħha, u naqqset ukoll milli tippreżenta l-kontijiet annwali (bl-eċċezzjoni tal-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2013 li kienu ġew ippreżentati) u dan bi ksur tal-obbligi tagħha skont il-liġi, u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti m'għandhiex aċċess għall-kontijiet finanzjarji tas-soċjeta' intimata biex tkun tista' tivvaluta u tagħmel analiżi tal-pożizzjoni tas-soċjeta' intimata;*

*8. Illi huwa evidenti li s-soċjeta' intimata ma' tistax tħallas id-djun tagħha, u li m'għandha ebda intenzjoni li ttejjeb il-pożizzjoni finanzjarja tagħha. Tant hu hekk li l-awdituri tagħha tilfu l-kuntatt magħha;*

*9. Illi r-Reġistratur tal-Kumpanniji kellu kull intenzjoni li jxolji s-soċjeta' intimata bħala kumpanija li ma toperax, u jekk is-soċjeta' rikorrenti ma oġġezzjonatx ir-Reġistratur tal-Kumpanniji kien jipproċedi biex jagħmel dan l-imsemmi xoljiment. Nel frattemp jidher li s-soċjeta' intimata kienet abbandunat il-presenza tagħha f'din il-ġurisdizzjoni darba għal dejjem u ħalliet id-djun kollha tagħha warajha;*

*10. Illi għalhekk fiċ-ċirkostanzi huwa neċessarju illi dina l-Onorabbli Qorti tipproċedi immedjatament biex toħroġ ordni għax-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att.*

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Novembru 2021 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022.

Rat illi s-socjeta' intimata kienet notifikata bil-procedura kontemplata bl-Artiklu 14 tar-Regolament KE 1393/2007, u dan fis-27 ta' Jannar 2022.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 minn fejn jirrizulta illi t-terminu tal-presentata tar-risposta kien ghadu ghaddej, u minn fejn jirrizulta ukoll illi giet milqugha t-talba tar-rikorrenti sabiex jigi allegat il-file tal-process ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 112/2019.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Frar 2022 minn fejn jirrizulta illi s-socjeta` intimata kienet ghadha ma pprezentat ebda risposta u ghalhekk giet dikjarata fi stat ta' kontumaci.

Rat illi f'dik l-udjenza u wara illi l-Qorti semghet id-deposizzjoni ta' Dr Claudette Fenech in rapprezentanza tal-Malta Business Bureau, il-Qorti giet mitluba tghaddi ghall-provvediment, kif qed isir illum.

Semghet ix-xhiedha mressqa.

Rat l-process anness.

**Ikkunsidrat**:

Jirrizulta illi din l-azzjoni qed tittressaq ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tigi ordnata ix-xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija kummercjali Maltija Molden Enterprises Limited (C59862).

Ulterjorment, kif jirrizulta mill-premessi fir-rikors promotur[1], is-socjeta' rikorrenti tistrieh fuq l-Artiklu 214(5)(a) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan sar wara illi kien gie ppresentat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 112/2019 kontra l-imsemmija socjeta' intimata fid-29 ta' Jannar 2019. Il-Mandat segwa proceduri fil-Qorti Suprema tal-Islanda fejn fit-8 ta' Ġunju 2020 is-soċjeta' rikorrenti kienet kanonnizata kreditriċi tas-soċjeta' intimata fl-ammont ta'*… ISK 171,976,408 plus default interest pursuant to the first paragraph of Article 6 of Act No. 38/2001 on Interest and Indexation on the amount of ISK 105,985,575 from 1 January 2015 to 19 October 2017, and on the amount claimed in the summons from that date to the date of payment,* inkluz ukoll mill-ispejjes gudizzjarji inkorsi.

Jirrizulta illi wara s-sentenza tal-Qorti Islandiza a favur is-soċjetà rikorrenti, is-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Iżlanda ġiet rikonnoxuta formalment f'Malta permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri bin-numru tar-referenza 686/2020 skont il-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali u sussegwentament il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 112/2019 ġie kkonvertit f'mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

Jirrizulta ukoll Illi għalkemm għaddew iktar minn erbgħa u għoxrin (24) ġimgħa mill-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv kontra s-soċjeta' intimata, id-dejn baqa' ma tħallasx, u għalhekk is-socjeta' rikorrenti ssostni illi jissussistu r-rekwiżiti kollha biex is-soċjeta' intimata titqies li ma tistax tħallas id-djun ai termini tal-artikolu 214(5)(a) tal-KAP 386.

[11] Vide premessa 6

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi x-xhud prodotta mir-rikorrenti, Dr Claudette Fenech in rappresentanza tal-Malta Business Registry, xehdet fit-28 ta' Frar 2022, u kkonfermat illi s-socjeta` Molden Enterprises Limited (C 59862) kienet ilha ma tipprezenta d-dokumentazzjoni rikjesta bil-ligi sa' mis-sena 2014 u r-Registratur lanqas ma kien gie mgharraf min hu l-*ultimate beneficial owner* tal-istess kumpannija. Tikkonferma illi fil-fatt ir-Registratur kien ser jibda l-process ghat-tnehhija ta' isem il-kumpannija minn fuq ir-Registru – izda saret oggezzjoni entro t-terminu ta' tlett xhur u dak il-process waqaf.

**Ikkunsidrat ulerjorment:**

Illi l-provi kollha prodotti mir-rikorrent noe. ma humiex bl-icken mod kontradetti mis-socjeta' intimata, li minn naha taghha ma ressqet ebda provi u baqghet kontumaci.

Illi b'dana kollu ir-rikorrent noe xorta wahda kien jinhtieglu illi jressaq l-ahjar provi fid-dominju tieghu sabiex din il-Qorti tkun tista' tezercita id-diskrezzjoni taghha fid-dawl tat-talbiet mressqa.

Illi mill-process tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 112/2019 jirrizulta illi fid-29 ta' Jannar 2019 kien akkordat rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra is-socjeta` hawnekk intimata ghall-ammonti hemmek indikati, liema Mandat gie konvertit f'wiehed ezekuttiv b'nota tal-21 ta' Jannar 2021.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

**L-Art. 218(1)(b) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

Din id-dispozizzjoni tipprovdi illi kreditur jista' jressaq talba ghall-istralc ta' kumpannija ai termini tal-artiklu 214(2)(a)(ii) :

> *218. (1) Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b)* ***xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a)****; jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*
>
> *għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni,* ***kreditur jew kredituri****, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*
>
> *Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija*

Ma jirrizulta ebda dubbju f'mohh din il-Qorti illi r-rikorrent noe huwa kreditur tas-socjeta` intimata b'decizjoni illi ghaddiet in gudikat, u li taghmlu kreditur f'ammont cert, likwidu u dovut.

L-azzjoni attrici hija bbazata esklussivament fuq l-**Art. 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk:

*kumpanija għandha tkun xolta bil-qorti fil-każijiet li ġejjin –*

*il-kumpanija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha;*

u l-**Artikolu 214(5)(a)** tal-KAP 386 ighid:

*Għall-finijiet tas-subartikolu (2)(a)(ii), kumpanija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha*
*(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma tħallasx għal kollox jew f'parti wara erbgħa u għoxrin ġimgħa <u>mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv</u> kontra l-kumpanija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi minn kliem il-ligi stess, sabiex din il-Qorti tuza d-diskrezzjoni taghha u tikkunsidra illi tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralc ta' kumpannija ai termini ta' dak pretiz mir-rikorrenti hawnekk, huwa mehtieg illi jghaddu erbgha u ghoxrin gimgha mill-<u>ezekuzzjoni</u> ta' titolu ezekuttiv.

Illi ghal finijiet ta' din id-decizjoni, mhux tant rilevanti l-erbgha u ghoxrin gimgha – li del resto jidher illi ghaddew – imma importanti jekk tirrizultax l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.

Kif dejjem sostnew il-Qrati taghna, bhal fil-kaz **Tarros S.p.A gia maghrufa Tarros International S.p.A rapprezentata mill-mandatorju specjali Av. Louis Cassar Pullicino (ID Nru. 441061M) vs Valletta Freight Services Limited (C-3478)**[2]

*…………., riferibbilment ghall-Art 214(5)(a), hija gurisprudenza ta` din il-Qorti illi fejn si tratta ta` atti ezekuttivi ndikati fl-Art 273 tal-Kap 12, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) gimgha ghall-fini tal-Art 214(5)(a) tal-Kap 386 huwa l-ezekuzzjoni tal-Mandat. U fil-kaz ta` Mandat ta` Sekwestru, l-ezekuzzjoni tal-Mandat issehh bin-notifika tal-att lis-sekwestratarji.*

Illi mill-**Artiklu 377 tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta illi:

*(1) L-esekuzzjoni ta' mandat ta' sekwestru ssir billi tingħata kopja, permezz tal-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti, lis-sekwestratarju jew bil-mezzi elettroniċi li jiġu ordnati mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.*

[2] 1067/2013JZM deciza 29.09.2016

*(2) Kopja tal-mandat għandha tiġi wkoll notifikata lid-debitur bl-istess mod kif hemm provdut fl-artikolu 187, jew, jekk dan ikun nieqes minn Malta, lir-rappreżentant leġittimu tiegħu.*

Ukoll issir referenza ghall-**Artiklu 67 tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta illi huma l-uffiċjali eżekuttivi tal-qorti l-persuni/ufficjali inkarigati bin-notifika u bl-eżekuzzjoni ta' atti ġudizzjarji, mandati u ordnijiet oħra mogħtija mill-Qrati, mill-Imħallfin u mill-Maġistrati.

Issa din il-Qorti fliet sewwa il-process allegat u relattiv ghal Mandat ta' Sekwestru 112/2019, minn fejn irid jinghad illi ma jirrizultax illi l-ufficjal ezekuttiv nnotifika lis-socjeta' intimata (hemmek sekwestrata) bil-Mandat kawtelatorju. Ulterjorment u aghar minn hekk, illi meta il-Mandat kien konvertit f'wiehed ezekuttiv, tirrizulta riferta <u>negattiva</u> tas-socjeta' intimata datata 25 ta' Jannar 2021.

Din il-Qorti ghalhekk ma jirrizultaliex, mill-provi prodotti, illi s-socjeta' intimata kienet notifikata bil-Mandat msemmi qua sekwestrata. B'rizultanza bhal din, difficli tirnexxi l-azzjoni proposta hawnekk mis-socjeta' rikorrenti, ai termini tal-Artikolu **214(5)(a)** tal-KAP 386.

**GHALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 u tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta hawn fuq citati, u ghar-ragunijiet hawn fuq moghitja, qeghda **tichad** it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif promossi bir-rikors taghha tas-17 ta' Novembru 2021.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**